Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 355/2014AE

**Domenic Gatt**

**Vs**

**Coleiro Group of Companies Ltd**

18 ta' Mejju 2016.

Din is-sentenza titratta appell ta' Domenic Gatt tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-10 ta' Marzu 2015 li biha cahad it-talba tieghu sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett elef seba' mija u disgha u hamsin ewro (€3,759), rapprezentanti u salarji u beneficcji ohra tal-impieg. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"... minkejja kull ma spjega l-attur ihoss illi l-intendiment tas-socjeta konvenuta kien li jaghlqu l-kwistjoni tal-prodotti biss izda li taghlaq kull pendenza miz-zewg partijiet. Ma jaghmilx sens illi l-attur ihallas ghaxart elef ewro (€10,000) lis-socjeta konvenuta biex imbaghad jippretendi li fadallu kreditu ta' tlett elef erba' mija tnejn u disghin ewro (€3,492) minghand is-socjeta konvenuta."*

**Fatti**.

1. L-attur kien impjegat mas-socjeta attrici.
2. L-impieg tal-attur gie tterminat fit-18 ta' Lulju 2013 wara li nqabad jisraq merkanzija.
3. Originarjament il-konvenuta kienet qeghda tippretendi hlas ta' €20,000 minghand l-attur. Wara skambju ta' korrispondenza bejn id-difensuri tal-partijiet, il-konvenuta accettat is-somma ta' €10,000.
4. Fis-6 ta' Dicembru 2013 l-avukat li kien qieghed jassisti lis-socjeta konvenuta ffirma dikjarazzjoni li taqra: *".. qieghed naccetta c-cheque numru 5333 (HSBC Bank Malta plc) fis-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) ghan-nom ta' Coleiro General Supplies Limited. Dan il-hlas qieghed isir per saldu ghal kull pretensjoni li Coleiro General Supplies Limited jista' jkollha kontra Dominic Gatt (ID 626054M)."*
5. F'xi zmien l-attur kien ghamel ilment mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, fir-rigward ta' salarju, bonus, sahra u hlas ghal vacation leave li ma utilizzax. Id-Dipartiment illikwida s-somma dovuta lill-attur fl-ammont ta' €3,759.59.

6. Permezz ta' ittra datata 29 ta' Lulju 2014, id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg gharraf lill-konvenuta li l-attur kien irtira l-ilment.

L-aggravju tal-attur hu:-

i. Li t-Tribunal interpreta d-dikjarazzjoni tas-6 ta' Dicembru 2013 b'mod skorrett in kwantu qal li l-hsieb wara dik ir-ricevuta kien li bil-hlas ta' €10,000 kienu nghalqu l-pretensjonijiet reciproci taz-zewg partijiet. It-Tribunal ma kellux jaghti l-interpretazzjoni tieghu ghad-dokument li hu tant car u jghid il-kuntrarju ta' dak li kkonkluda t-Tribunal.
ii. Dak li nkiteb fid-dikjarazzjoni tas-6 ta' Dicembru 2013 jirbah fuq il-kliem li seta' nghad.
iii. Is-somma ta' €10,000 kienet tirreferi ghat-tehid tal-oggetti.
iv. It-tkeccija tal-attur mill-impjieg m'ghandha x'taqsam xejn mal-pretensjoni tal-attur li ghandu kull dritt, irrispettivament ir-raguni ghalfejn gie mkecci, li jitlob il-hlas li ghandu dritt ghalih. Ghalkemm it-Tribunal ghamel riferenza ghal principju tal-ekwita', dan il-principju kien forsi japplika li kieku l-ligi ma kinitx taghti soluzzjoni. Pero' f'dan il-kaz ma kienx hemm ic-cirkostanzi sabiex tigi applikata l-ekwita.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni, tosserva:-

1. Fil-meritu l-konvenuta ddefendiet ruhha billi eccepiet: *"kwalunkwe pendenzi reciproci bejn il-partijiet gew ezawriti permezz ta' ftehim maghmul bejniethom liema ftehim gie milhuq in full and final settlement."*. B'din l-eccezzjoni hu evidenti li l-attrici nvokat it-transazzjoni.

2. Mill-korrispondenza li giet skambjata bejn il-kontendenti, il-konvenuta talbet il-hlas ta' €16,000 minghand il-konvenut, bhala kumpens ghas-serq ta' merkanzija (ara ittra datata 9 ta' Ottubru 2013). L-attur wiegeb u talab li s-somma titnaqqas ghal €10,000 ghas-saldu peress li l-mezzi finanzjarji tieghu ma kinux jippermettulu li jhallas is-somma mitlub mill-konvenuta u meqjus ukoll is-snin twal ta' servizz li ta lill-konvenuta (ittra datata 16 ta' Ottubru 2013). Il-konvenuta accettat u l-attur hallas.

3. M'hemmx provi li jistghu jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li waqt li kienu ghaddejjin trattattivi kien sar xi kliem dwar il-pretensjoni tal-attur meritu ta' din il-kawza. Tant hu hekk li fil-korrispondenza li giet skambjata qabel il-konvenuta accettat is-somma ta' €10,000, qatt ma sar accenn ghal pretensjoni tal-attur. Il-qorti fehmet li l-attur kien ghamel ilment mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg wara li hallas is-somma ta' €10,000. Fil-fatt f'ittra datata 20 ta' Jannar 2014 li l-konvenuta baghtet lid-Dipartiment, ghamlet riferenza ghall-ittra li kienet irceviet fit-3 ta' Jannar 2014

minghand id-Dipartiment u ddikjarat li s-somma ta' €10,000 giet accettata *"based on full and final settlement by both parties."* Il-qorti tikkonkludi li l-ilment lid-Dipartiment sar wara li l-attur kien hallas is-somma ta' €10,000, mehud in konsiderazzjoni:

i. Il-prospett li hejja d-Dipartiment bil-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-attur, hu datat 31 ta' Dicembru 2013;
ii. Id-Dipartiment talab lill-konvenuta thallas lill-attur, permezz ta' ittra datata 3 ta' Jannar 2014.

4. Jirrizulta li l-attur kien irtira l-claim li ghamel mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg. L-attur xehed li ma kienx qal lill-ufficjali tad-Dipartiment biex jieqfu milli jkomplu bil-kaz. Verzjoni kontradetta minn dak li xehed Paul Costa, ufficjal tad-Dipartiment. Pero' l-istess xhud qal li kien gharraf lill-attur li fir-rigward tal-vacation leave, id-Dipartiment seta' jharrek lill-konvenuta ghal *vacation leave* li m'utilizzax fis-sena li gie mkecci u 50% tal-vacation leave tas-sena ta' qabel; *"Kien hawnhekk illi s-Sur Gatt kellu jiehu parir minghand l-Avukat tieghu u jara jekk jipprocedix civilment u* ***kien fil-fatt infurmani illi hekk kien ser jaghmel u l-claim maghna kien inghalaq."*** (enfazi mizjuda). Mela 'l fatt li l-attur irtira l-claim ma jistax jigi nterpretat bhala li rrinunzja ghad-dritt li jharrek lill-konvenuta sabiex jithallas dak li kien dovut lilu bhala arretrati ta' salarju, bonus, sahra u kumpens ghal *vacation leave* li baqa' m'utilizzax.

5. M'hemmx dubju li d-dikjarazzjoni ffirmata mill-avukat Dr Vincent Micallef tirreferi ghal pretensjoni li kellha s-socjeta konvenuta fil-konfront tal-attur. Tant hu hekk li ma tissemmiex il-pretensjoni tal-attur u lanqas mhi ffirmata minnu jew mid-difensur tieghu. Fit-twegiba l-konvenuta qalet li: *".... meta s-socjeta appellanti kienet qeghda taccetta l-pagament ta' €10,000 minghand l-appellanti, hija kient qeghda taghmel dan bl-intiza cara, ovvja u logika illi kwalunkwe pretensjoni taz-zewg partijiet tispicca hemmhekk."* Jekk din kienet l-intiza tas-socjeta konvenuta, tali fatt ma jirrizultax mid-dikjarazzjoni li ffirma Dr Micallef ghan-nom taghha.

6. M'hemmx prova li saret transazzjoni dwar il-pretensjoni tal-attur. Transazzjoni ghandha ssir bil-miktub (Artikolu 1233 tal-Kodici Civili) u prova ta' dan m'hemmx. Ghalhekk it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta ma setghet qatt tirnexxi. Hu minnu li fis-sentenza t-Tribunal qal:

"*l-intendiment tas-socjeta konvenuta kien li jaghlqu l-kwistjoni tal-prodotti biss izda li taghlaq kull pendenza miz-zewg partijiet. Ma jaghmilx sens illi l-attur ihallas ghaxart elef ewro (€10,000) lis-socjeta konvenuta biex imbaghad*

*jippretendi li fadallu kreditu ta' tlett elef erba' mija tnejn u disghajn ewro (€3,492) minghand is-socjeta konvenuta."*

Pero' ghal ftehim ma kienx bizzejjed l-intenzjoni tal-konvenuta, ghaliex ghal kuntratt hemm bzonn il-kunsens ta' kull parti. Dan apparti li l-qorti ssibha difficli temmen li dik kienet l-intenzjoni meta:

i. Ma tirrizultax mill-korrispondenza li giet skambjata bejn id-difensuri tal-partijiet.
ii. M'hemmx prova li qabel sar il-hlas ta' €10,000 il-partijiet bl-assistenza tad-difensuri taghhom, kienu ddiskutew il-pretensjoni tal-attur. Fil-fatt Dr Stefano Filletti, li kien qieghed jassisti lill-attur, xehed kif l-attur kien semmielu dwar il-pretensjoni li kellu u li kien infurmah li *"F'dik il-kwistjoni jiena ma nidholx"* tant li baghatu jitkellem mad-Dipartiment koncernat. Prova li fil-fehma tal-qorti tikkorabora l-verzjoni tal-attur li meta offra l-hlas ta' €10,000 ma kienx *"... qieghed jiehu kont, fil-kalkolazzjoni tieghu, ta' dak li skont huwa kellu jiehu."*[1] Mill-provi hu evidenti li f'dak l-istadju l-prijorita tal-attur kienet li jaghlaq il-kwistjoni dwar il-hlas li kienet qeghda tippretendi l-konvenuta.

7. Fil-fehma tal-qorti r-riferenza ghall-kuncett tal-ekwita' fis-sentenza tat-Tribunal, ma kienx rilevanti gialadarba f'dan il-kaz it-Tribunal kellu jiddetermina jekk fir-realta' kienx sehh ftehim dwar l-ammont mitlub mill-attur. Materja li kellha tigi deciza a bazi tal-provi. Jekk m'hemmx prova li sehhet transazzjoni dwar l-ammont mitlub mill-attur, il-kuncett tal-ekwita ma jistax jghin id-difiza tal-konvenuta.

8. Ghal dak li jirrigwarda l-hlas li jippretendi l-attur, is-socjeta konvenuta ma tat l-ebda eccezzjoni li biha kkontestat is-somma likwidata mid-Dipartiment, li pero' giet ridotta ghas-somma ta' €3,493[2]. Hu minnu li meta xehedu r-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta qalu li l-*vacation leave* ma jigix *carried forward* minn sena ghall-ohra. Pero' f'dan ir-rigward id-dokumenti li harget l-istess konvenuta juru mod iehor (fol. 37-40). Sahansitra Paul Costa xehed: *"Qed nigi mistoqsi jekk jiena assumejtx illi kellu l-approvazzjoni tas-socjeta konvenuta biex dan il-leave jigi carried forward u jien nghid illi mhux biss kont assumejtha minhabba li kien jidher fil-payslip izda kont avvicinajt lis-socjeta konvenuta u* ***din ma kellha l-ebda oggezzjoni dwar dan il-vacation leave. Kellha biss l-oggezzjoni kemm ser jithallas."*** (enfazi tal-qorti).

---

[1] Ara paragrafu 9 tat-twegiba.
[2] Ara nota ta' riduzzjoni a fol. 8.

9. Jigi rilevat ukoll li permezz tal-ewwel eccezzjoni l-konvenuta eccepiet li t-Tribunal ma kellux kompetenza *ratione valoris*. Eccezzjoni li giet fix-xejn wara li l-attur irriduca l-ammont mitlub ghas-somma ta’ tlett elef erba’ mija u tlieta u disghajn ewro (€3,493).

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tilqa’ l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-10 ta’ Marzu 2015.**
2. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
3. **Tichad it-tielet eccezzjoni.**
4. **Tilqa’ t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta’ tlett elef erba’ mija u tlieta u disghin ewro (€3,493) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba, u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta appellata**.

Anthony Ellul.